MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 426/2009

**Air Malta plc (C – 2685)**

**vs**

**Advance Shipping Limited (C – 18421)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Dr. Christopher Spiteri (detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 23368 M) in rapprezentanza tar-rikorrenti Air Malta plc datat 6 ta' Mejju 2009 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi bejn is-snin 2008 u 2009 il-kumpanija rikorrenti Air Malta plc ipprovdiet u irrendiet lill-intimata servizzi ta' garr ta' merkanzija fuq talba tal-intimata stess.

Illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu (€27,827.31) kif jidher mill-i*statement of account* anness u mmarkat bhala Dok “AM 1” u mill-fatturi ezebiti bhala faxxikolu Dok “AM 2”, li tikkonsisti f'bilanc minn somma akbar prezz tas-servizzi ta' garr imsemmija u *late payment charges*.

Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti u minkejja l-fatt illi l-intimata qatt ma ikkontestat b'xi mod illi l-fatturi relattivi ghadhom jithallsu, hija baqghet inadempjenti, u ghad fadal x'jithallsu l-bilanci fuq imsemmija.

Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talbiet tar-rikorrenti u jirrikorru l-elementi rikjesti mill-**artikoli 167** sa **170** tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (**Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

(i) Tisma' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispens tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-**artikoli 167** sa **170** tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(ii) Tiddikjara illi l-intimata Advance Shipping Limited hija debitrici tal-intimata fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu (€27,827.31); u konsegwentement.

(iii) Tikkundanna lill-istess intimata Advance Shipping Limited thallas is-somma msemmija ta' sebgha u ghoxrin elf tmien mija u sebgha u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 27,827.31).

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relati ma’ din it-talba, inkluz l-ispejjez tal-mandat kawtelatroju ta’ qbid tas-16 ta’ April 2009, u bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull fattura, kontra l-kumpanija intimate li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 3 sa fol 38 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Gunju 2009.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Gunju 2009, tas-17 ta' Gunju 2009 u tat-2 ta' Lulju 2009.

Rat li s-socjeta` intimata Advance Shipping Ltd debitament notifikata fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghet kontumaci u msejha tliet darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tihder gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-senteza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-proceduri tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------